



WiFi4EU

LINJI GWIDA GĦAS-SINJALI

Dan id-dokument hu maħsub għall-muniċipalitajiet (il-benefiċjarji) tal-WiFi4EU biex jgħinek twettaq l-azzjonijiet ta' pubbliċità marbuta mal-inizjattiva. Il-muniċipalitajiet kollha li ngħataw il-vawċer tal-WiFi4EU huma obbligati li juru b'mod ċar is-sinjal tal-WiFi4EU bl-emblema tal-UE, kif qed tidher f'dawn il-paġni, fi spazji pubbliċi li joffru konnessjoni tal-WiFi4EU mal-internet.

Is-sinjal tal-WiFi4EU, li huwa s-simbolu li jidentifika l-inizjattiva WiFi4EU, għandu jintuża kif previst, mingħajr ebda modifika, flief għad-daqs, fejn il-proporzjon tal-aspett għandu jinżamm fi kwalunkwe każ. Fil-paġni li ġejjin issib eżempji ta' kif tagħmel dan b'mod korrett u b'mod mhux korrett.

Żomm f'moħħok li kwalunkwe komunikazzjoni jew pubblikazzjoni oħra li toħloq, marbuta mal-azzjoni tal-WiFi4EU, trid tinkludi wkoll is-sinjal tal-WiFi4EU biex jindika li l-azzjoni rċeviet finanzjament mill-Unjoni Ewropea.



Jekk jogħġbok innota li s-sinjal inkluż fil-paġni li ġejjin huwa separat minn/ma japplikax għall-grafika speċifika mfasla għall-WiFi4EU captive portal u li tidher bit-taqsis. Aktar informazzjoni dwar it-taqsis tidher fuq il-paġna web tal-WiFi4EU tal-INEA: <https://ec.europa.eu/inea/en/connecting-europe-facility/cef-telecom/wifi4eu>

EŻEMPJI TA' SINJALI TAL-WIFI4EU

Approċċ koerenti ta' viżibbiltà huwa kruċjali għas-suċċess tal-Inizjattiva WiFi4EU. Għalhekk, huwa importanti li l-benefiċjarji kollha jużaw l-emblema tal-UE b'mod korrett flimkien mal-pittogramma rakkomandata tal-WiFi.

Ġew żviluppanti f'ames eżempji ta' sinjali tal-WiFi4EU. Kull waħda tikkonsisti mill-pittogramma rakkomandata tal-WiFi u l-użu korrett tal-emblema tal-UE.


Il-verżjonijiet kollha jistgħu jitniżżlu mill-paġna web tal-WiFi4EU tal-INEA <https://ec.europa.eu/inea/en/connecting-europe-facility/cef-telecom/wifi4eu>



DAQS U SPAZJU VOJT

Is-sinjtal għandu dejjem ikollu spazju vojta madwaru, bejn l-emblema u elementi oħra jew il-marġini tas-sinjtal.

Wieħed minn għaxra (1/10) tal-għoli għandu jinżamm vojta kull fejn jitwaħħal is-sinjtal.



KULURI U TIPA



#004A95

R 0
G 74
B 149

C 100%
M 74%
W 6%
K 0%



#FEEB1A

R 254
G 235
B 26

C 4%
M 0%
W 89%
K 0%

It-tipa użata hija Arial.

REGOLI TA' SFOND

Dejjem żomm l-isfond abjad tas-sinjtal, irrispettivament minn fejn jitqiegħed:



X'MA GĦANDUX ISIR



Iżżid ebda test fis-sinjtal



Tużax kuluri oħra



Taqtax is-sinjtal



Tgħawwiġx is-sinjtal..



Iddawwarx is-sinjtal.



Jekk jogħġbok tippruvax tkun kreattiv... Uża s-sinjtal korrett



Tneħħix l-isfond abjad

MISTOQSIJET

Għall-mistoqsijiet kollha dwar l-użu tal-emblema tal-UE u l-identità viżwali, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-Helpdesk:

https://europa.eu/european-union/contact/write-to-us_en

jew (ċempel) Europe Direct 00 800 67891011